

Brussell, 26 ta' Settembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

10537/1/17
REV 1

CORDROGUE 86
DROIPEN 91
JAI 624
SAN 265
CODEC 1103
PARLNAT 237

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tad-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex id-definizzjoni ta' droga tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI - Adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Settembru 2017

DIRETTIVA (UE) 2017/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI
sabiex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda
u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Waqgħat li jagħtu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva²,

¹ ĠU C 177, 11.6.2014, p. 52.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2014 [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-25 ta' Settembru 2017 [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'... [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)].

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI¹ tipprevedi approċċ komuni għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tad-droga, li joħloq theddida għas-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni, għall-ekonomija legali u għall-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istati Membri. Id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tistabbilixxi regoli komuni minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u pieni għat-traffikar ta' droga sabiex jiġi evitat li jinqalgħu problemi fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri minħabba l-fatt li r-reat jew ir-reati inkwistjoni ma jkunux punibbli skont il-liġijiet kemm tal-Istat rikjedenti kif ukoll l-Istat Membru rikjest.
- (2) Id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tapplika għal sustanzi koperti mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u għas-sustanzi koperti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi ('Konvenzjonijiet tan-NU'), kif ukoll għad-drogi sintetiċi soġġetti għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni skont l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/396/ĠAI², li jippreżentaw riskji għas-saħħa pubblika komparabbli ma' daww ikkawżati mis-sustanzi skedati skont il-Konvenzjonijiet tan-NU.

¹ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' droga (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

² Azzjoni Konġunta 97/396/ĠAI tas-16 ta' Ġunju 1997 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll tad-drogi sintetiċi ġodda (ĠU L 167, 25.6.1997, p. 1).

- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tapplika wkoll għas-sustanzi soġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI¹, li jippreżentaw riskji għas-saħħa pubblika komparabbli ma' dawk ikkawżati mis-sustanzi skedati skont il-Konvenzjonijiet tan-NU.
- (4) Sustanzi psikoattivi ġodda, li jimitaw l-effetti ta' sustanzi skedati skont il-Konvenzjonijiet tan-NU, qed ikunu preżenti spiss u qed jinfirxu b'mod rapidu fl-Unjoni. Ċerti sustanzi psikoattivi ġodda joħlqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u fil-livell soċjali. Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁺ jipprevedi qafas għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda u għal proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq rapport inizjali u rapport ta' valutazzjoni tar-riskju mħejji biex jiġi evalwat jekk sustanza psikoattiva għada toħloqx riskji gravi għas-saħħa pubblika u fil-livell soċjali. Biex titnaqqas b'mod effettiv id-disponibbiltà ta' sustanzi psikoattivi ġodda li joħlqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, riskji gravi fil-livell soċjali, u biex ma jitħallix it-traffikar ta' dawn is-sustanzi madwar l-Unjoni, kif ukoll l-involviment ta' organizzazzjonijiet kriminali, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' "droga" skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u sostnuti mid-dispożizzjonijiet proporzjonati tal-liġi kriminali.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32).

² Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE 26/2017 (2016/0261 (COD)), fit-test u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (5) Is-sustanzi psikoattivi ġodda inklużi fid-definizzjoni ta' "droga" jenħtieġ għalhekk li jkunu koperti mid-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-Unjoni dwar it-traffikar ta' drogi illeċitu. Dan jgħin ukoll biex il-qafas legali tal-Unjoni jkun konformi u jiġi ċċarat hekk kif l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali japplikaw għas-sustanzi koperti mill-Konvenzjonijiet tan-NU u għas-sustanzi psikoattivi l-ġodda l-aktar perikolużi. Jenħtieġ għalhekk lid-definizzjoni ta' "droga" fid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tiġi emendata.
- (6) Jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi l-elementi essenzjali tad-definizzjoni ta' "droga", kif ukoll il-proċedura u l-kriterji għall-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda f'dik id-definizzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' "droga" sustanzi psikoattivi li huma diġà soġġetti għal miżuri ta' kontroll permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati f'konformità mal-Azzjoni Konġunta 97/396/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI, jenħtieġ li jiżdied Anness mad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI li jinkludi lista ta' dawk is-sustanzi psikoattivi.

- (7) Madankollu, sabiex it-tfaċċar u l-firxa ta' sustanzi psikoattivi ġodda perikolużi fl-Unjoni jiġu indirizzati rapidament, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tiġi delegata lill-Kummissjoni biex dak l-Anness jiġi emendat biex jinkludi s-sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga". Huwa ta' importanza partikolari li, matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (8) Sabiex it-tfaċċar u t-tixrid ta' sustanzi psikoattivi dannużi ġodda fl-Unjoni jiġu indirizzati rapidament, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI għal sustanzi psikoattivi ġodda li jgħolqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, riskji gravi fil-livell soċjali, malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' att delegat li jemenda l-Anness sabiex jinkludihom fid-definizzjoni ta' "droga". Jenħtieġ li l-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli, jagħmlu kull sforz biex iqassru dik l-iskadenza.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (9) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-Unjoni li japplikaw għat-traffikar ta' droga illeċita għal sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, riskji gravi fil-livell soċjali, ma jistax jintlaħaq suffiċjement mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom, iżda jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tilħaq dak l-objettiv.
- (10) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u ssegwi l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal smiġħ ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt ta' difiża, id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità tal-offiżi kriminali.
- (11) Peress li din id-Direttiva flimkien mar-Regolament (UE) .../...⁺, hija maħsuba biex tissostitwixxi l-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni titħassar.
- (12) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE 26/2017 (2016/0261 (COD)).

- (13) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (15) Jenħtiegħ għalhekk li d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. 'droga' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) sustanza koperta mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, jew mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971;

(b) kwalunkwe sustanza elenkata fl-Anness;"

(b) għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"4. 'sustanza psikoattiva ġdida' tfisser sustanza f'forma pura jew fi preparazzjoni li mhijiex koperta mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, jew mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 iżda tista' toħloq riskji għas-saħħa jew fil-livell soċjali simili għal dawk maħluqa mis-sustanzi koperti minn dawk il-Konvenzjonijiet;

5. 'preparazzjoni' tfisser taħlita li fiha sustanza psikoattiva ġdida waħda jew aktar."

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 1a:

Proċedura biex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda

1. Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju jew valutazzjoni tar-riskju kombinata mwettqa skont l-Artikolu 5c tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni mingħajr dewmien bla bżonn, għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Anness għal din id-Deċiżjoni Kwadru sabiex tiżdied is-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda u sabiex jiġi pprovdut li s-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda joħolqu riskji gravi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli riskji gravi soċjali fil-livell tal-Unjoni, u li hija jew huma jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' "droga".
2. Waqt il-konsiderazzjoni dwar jekk għandhiex tadotta att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-firxa jew it-tendenzi tal-użu tas-sustanza psikoattiva ġdida u d-disponibbiltà tagħha u l-potenzjal ta' diffużjoni fl-Unjoni humiex sinifikanti, u jekk il-ħsara għas-saħħa kkawżata mill-konsum tas-sustanza psikoattiva ġdida, flimkien mat-tossiċità akuta jew kronika tagħha u r-riskju ta' abbuż jew il-potenzjal li toħloq dipendenza fuqha, tkunx ta' theddida għall-ħajja. Il-ħsara għas-saħħa hija kkunsidrata bħala theddida għall-ħajja jekk is-sustanza psikoattiva ġdida x'aktarx tikkawża mewt jew korriment fatali, mard gravi, indeboliment fiżiku jew mentali gravi jew tixrid sinifikanti ta' mard, inkluż it-trasmissjoni ta' viruses li jinxterdu permezz tad-demm.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-ħsara fil-livell soċjali kkawżata mis-sustanza psikoattiva ġdida lill-individwi u lis-soċjetà hijiex gravi, u, b'mod partikolari, jekk l-impatt tas-sustanza psikoattiva ġdida fuq il-funzjonament soċjali u l-ordni pubbliku ikunx tali li jfixx l-ordni pubbliku, jew jikkawża imġiba vjolenta jew antisoċjali, li tirriżulta f'dannu lill-utent jew lil persuni oħra jew ħsara lil proprjetà, jew jekk attivitajiet kriminali, inkluż il-kriminalità organizzata, assoċjati mas-sustanza psikoattiva ġdida humiex sistematiċi, jinvolvox profitti illeċiti sinifikanti jew jikkawżawx spejjeż ekonomiċi sinifikanti.

3. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat mid-data meta jasal ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju jew ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju kkombinat skont l-Artikolu 5c(6) tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex neċessarju li jiġi adottat att delegat biex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi s-sustanza jew sustanzi psikoattivi ġodda, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega r-raġunijiet għalfejn ma għamlitx dan.
4. Rigward is-sustanzi psikoattivi ġodda inklużi fl-Anness għal din id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri li ma jkunux għandhom għamlu hekk għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għal dawk is-sustanzi psikoattivi ġodda malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jemenda l-Anness. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni Kwadru jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 1b

Miżuri nazzjonali ta' kontroll

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi imposti fuq l-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu fit-territorji tagħhom, fir-rigward ta' sustanzi psikoattivi ġodda, kwalunkwe miżura nazzjonali ta' kontroll li jqisu xierqa.

* Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1)."

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 1a għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' taddotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1."

- (4) Jiżdied Anness, kif indikat fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni ta' din id-Direttiva

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Tħassir tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI

1. Id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI titħassar b'effett minn ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
2. Minkejja l-paragrafu 1, id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI għandha tkompli tapplika għal sustanzi psikoattivi ġodda li fir-rigward tagħhom ġie ppreżentat rapport konġunt, kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni, qabel ... [tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-paragrafi 4 sa 8 ta' dan l-Artikolu li jemenda l-Anness għad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI sabiex iżżid miegħu sustanzi psikoattivi ġodda kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Is-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' sentejn minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
5. Id-delega tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 3 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.
6. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti appuntati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
7. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
8. Att delegat adottat skont il-paragrafu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni kemm mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Lista ta' sustanzi msemmija fil-punt (b) tal-punt (1) tal-Artikolu 1

1. P-Methylthioamphetamine jew 4-Methylthioamphetamine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/615/ĠAI¹.
2. Paramethoxymethylamphetamine jew N-methyl-1-(4-methoxyphenyl) -2-aminopropane, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/188/ĠAI².
3. 2,5-dimethoxy-4-iodophenethylamine, 2,5-dimethoxy-4-ethylthiophenethylamine, 2,5-dimethoxy-4- (n)-propylthiophenethylamine u 2,4,5-trimethoxyamphetamine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/847/ĠAI³.
4. 1-benzylpiperazine jew 1-benzyl-1,4-diazacyclohexane jew N-benzylpiperazine jew benzylpiperazine, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/206/ĠAI⁴.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/615/ĠAI tat-13 ta' Settembru 1999 li tiddefinixxi 4-MTA bħala droga sintetika ġdida li għandha ssir suġġetta għall-miżuri ta' kontroll u penalitajiet kriminali (ĠU L 244, 16.9.1999, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/188/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 dwar miżuri ta' kontroll u sanzjonijiet kriminali fuq id-droga sintetika l-ġdida PMMA (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 14).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/847/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna miżuri ta' kontroll u sanzjonijiet kriminali rigward drogi sintetiċi ġodda 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2 (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 64).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/206/ĠAI tat-3 ta' Marzu 2008 dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga psikoattiva ġdida li għandha tiġi suġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali (ĠU L 63, 7.3.2008, p. 45).

5. 4-metilmetkatinon, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/759/UE¹.
6. 4-metil-5-(4-metilfenil)-4,5-diidroossażol-2-ammina (4,4'-DMAR) u 1-ċikloesil-4-(1,2-difeniletil)piperażina (MT-45), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1873².
7. 4-metilamfetamina, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1874³.
8. 4-iodjo-2,5-dimetossi-N-(2-metossibenzil)fenetilamina (25I-NBOMe), 3,4-dikloro-N-[[1-(dimetilamino)ċikloessil]metil]benzamida (AH-7921), 3,4-metilenediossiprovaleron (MDPV) u 2-(3-metossifenil)-2-(etilamino) ċikloessanon (metossetamina), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1875⁴.
9. 5-(2-amminopropil)indol, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1876⁵.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/759/UE tat-2 ta' Diċembru 2010 biex il-4-metilmetkatinon (mefredron) jiġi sottomess għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 44).

² Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1873 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoporti 4-metil-5-(4-metilfenil)-4,5-diidroossażol-2-ammina (4,4'-DMAR) u 1-ċikloesil-4-(1,2-difeniletil) piperażina (MT-45) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 32).

³ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1874 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoporti lill-4-metilamfetamina għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 35).

⁴ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1875 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoporti 4-iodjo-2,5-dimetossi-N-(2-metossibenzil)fenetilamina (25I-NBOMe), 3,4-dikloro-N-[[1-(dimetilamino)ċikloessil]metil]benzamida (AH-7921), 3,4-metilenediossiprovaleron (MDPV) u 2-(3-metossifenil)-2-(etilamino)ċikloessanon (metossetamina) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 38).

⁵ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1876 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tissottoporti 5-(2-amminopropil)indol għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 43).

10. 1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one (α -pyrrolidinovalerophenone, α -PVP, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1070¹.
11. Metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/369².
12. N-(1-fenetilpiperidin-4-il)-N-fenilakrilamid (akriloilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) .../...³⁺.

¹ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1070 tas-27 ta' Ġunju 2016 li tissottoporti l-1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one (α -pyrrolidinovalerophenone, α -PVP) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 178, 2.7. 2016, p. 18).

² Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/369 tas-27 ta' Frar 2017 li tissottoporti il-metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 56, 3.3.2017, p. 210).

³ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... li tissottoporti N-(1-fenetilpiperidin-4-il)-N-fenilakrilamid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok żid in-numru tad-Deċiżjoni, li tinsab fid-dokument st8858/17, fit-test u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna.